**DISKORS MILL-EĊĊELLENZA TAGĦHA MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, PRESIDENT TA’ MALTA WAQT IT-TNEDIJA TAL-FONDAZZJONI TAL-PRESIDENT GĦALL-ĠID TAS-SOĊJETÀ. IL-PALAZZ IL-BELT VALLETTA. L-ERBGĦA 25 TA’ ĠUNJU 2014.**

Onorevoli Prim Ministru,
Onorevoli Ministri u Segretarji Parlamentari,
Presidenti Emeriti,
Eċċellenzi,
Mistidnin distinti,
Sinjuri,

Nilqagħkom ilkoll, u minn qalbi, insellmilkom. Irrid naqsam magħkom, is-sodisfazzjon, li wasal il-jum, li fih se niffirma l-att, li se jagħti bidu, għall-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà.

Meta ġejt innominata għal ħatra ta’ President taʾ Malta, jiena wkoll, ingħatajt mandat, biex inkun dik, li twassal l-ilħna tal-kuxjenza taʾ pajjiżna. Li nkun President, li taħdem għal ġid, taʾ dawk kollha, li jgħixu fis-soċjetà. Li ma nieqafx inwassal,

il-messaġġ, biex ma ninsewx, nisimgħu l-poplu tagħna kollu kemm hu, fil-ferħ u t-tbatija tiegħu, inkluż dawk li jgħixu fil-periferija tas-soċjetà.

Li tipprova taħdem għall-ġid tas-soċjetà, jista' jfisser ħafna affarijiet. Il-ġid li qegħda nitkellem fuqu, mhuwiex biss, dak materjali jew finanzjarju, iżda huwa wkoll, dak kollu li jtejjeb l-għejxien tagħna, b'mod speċjali r-relazzjonijiet li aħna ngħixu, li qegħdin fihom, jew li se nidħlu għalihom. Il-ġid tas-soċjetà, jiġi mill-ġid li kull bniedem jirnexxilu jsib fil-ħajja tiegħu, u partikolarment, fir-relazzjonijiet li jkollu maʾ dawk taʾ madwaru.

L-idea li nwaqqaf din il-Fondazzjoni, ġejja propju minn dan l-ispirtu. M'iniex se noħloq xi definizzjoni taʾ x'inhu l-ġid għas-soċjetà. Jeżistu diversi studji dwar dan, u dejjem jiżdiedu l-indikaturi, biex naslu għall-għarfien taʾ x'inhu ġid jew *wellbeing*. Jien m'għandi ebda pretensjoni, li naf x'inhu dak li jfisser ġid għal kull individwu fis-soċjetà tagħna. Iżda x-xewqa tiegħi hi, li nagħmel l-almu tiegħi, biex fejn hemm il-ġid, dan jissaħħaħ, u fejn jonqos, nagħmel kull ma nistaʾ, biex jiżdied.

Pereżempju, beħsiebni naħdem, biex noħloq diversi spazji fejn isir djalogu u konsultazzjoni dwar dan, biex il-poplu stess, jgħidilna x'għandha bżonn is-soċjetà Maltija, u liema ġid għandna bżonn inkattru, biex is-soċjetà tagħna tgħix aħjar.

Kif nafu, li persuna taqla' biżżejjed flus għall-għejxien dinjituż, huwa kruċjali, iżda daqstant ieħor huwa important, li jkollna ħin għal xulxin, u spazju fejn nistgħu niltaqgħu maʾ xulxin, b'mod seren. Soċjetà għanja, hija dik is-soċjeta`, li toffri kundizzjonijiet, biex il-bnedmin jgħixu l-ħajja fil-milja kollha tagħha, hija soċjeta`, li verament toħloq il-possibilita`, biex kull individwu, jiżviluppa lilu nnifsu, fi spirtu taʾ għaqda u tolleranza, u rispett lejn l-oħrajn.

Dan ġa bdejna inwettquh bil-mod, f'dawn l-ewwel ġimgħat tal-ħidma tagħna, iżda permezz taʾ din il-Fondazzjoni, se nkunu qegħdin inwassalu l-wegħda tiegħi li naqdi s-soċjetà Maltija, b'mod aktar strutturat u dirett, u dan permezz taż-żewġ aspetti prinċipali li jinkorporaw ż-żewġ dirgħajn tal-Fondazzjoni: l-konsultazzjoni u r-riċerka.

Il-Fondazzjoni se tikkonsulta mal-livelli kollha tas-soċjetà. Hawn se nwaqqfu Kunsill, fejn dawk li kellhom ħatra taʾ President jew Prim Ministru taʾ Malta se jiġu nvoluti fi proċess taʾ djalogu strutturat sabiex permezz tal-għerf li huma kkultivaw mill-esperjenzi tagħhom jikkontribwixxu fuq dak li jaħsbu li jistaʾ jkun taʾ ġid għas-soċjetà tagħna. Din għandha tkun turija taʾ unjoni li tgħid ħafna dwarna, u l-aspirazzjoni tagħna lkoll, li nfittxu dak li jgħaqqadna.

Il-Fondazzjoni se tibda billi tħaddan fiha erba' entitajiet għar-riċerka, li ser ikunu qegħdin jiffukaw fuq temi speċifiċi. Dawn huma: l-Istitut Nazzjonali għat-Tfulija *(National Institute for Childhood),* iċ-Ċentru għar-Riċerka fuq il-Familja *(Family Research Centre),* l-Osservatorju għal Għixien Xieraq *(Observatory for Living with Dignity),*u ċ-Ċentru għall-Ħelsien mill-Vizzji *(Centre for Freedom from Addiction)*. Dawn l-entitajiet, ser ikunu qegħdin jaħdmu fuq riċerka formali u xjentifika, fl-oqsma speċifiċi tagħhom, iżda dejjem f'konsultazzjoni u djalogu, mal-istrutturi diversi tal-Fondazzjoni, li jinkludu l-akkademiċi. Dawn l-entitajiet se jiġu fdati b'xogħol taʾ riċerka li tista' –

u bit-tama li - tinfluwenza l-ġid individwali, komunitarju u tas-soċjetà kollha. Huma ser ikollhom l-inkarigu, li jisimgħu dak li jgħidu, u jaraw dak li jħossu n-nies, sabiex jibbażaw ir-riċerka tagħhom, fuq il-bżonnijiet tas-soċjetà, u joffru ħjiel, sabiex jgħinuna nifhmu din il-qagħda, u naħsbu f'alternattivi, li tassew iġibu l-ġid.

Il-Fondazzjoni se twaqqaf ukoll gruppi taʾ konsultazzjoni informali, fuq aspetti speċifiċi bħall- komunità, l-ambjent, it-tfulija, persuni b'diżabilità, l-arti u l-kultura, il-familja, l-anzjani u d-djalogu inter-reliġjuż. Fil-fatt ser insejħulhom il-fora tal-Fondazzjoni. Għal bidu nibdew b'dawn, u nżidu l-gruppi skont ma jinqala' l-bżonn, u skont id-domanda pubblika. Dawn il-proċessi li semmejt, se jitħaddnu f'qafas ta' Fora, li permezz tagħhom, ser issir il-konsultazzjoni informali, fejn isiru laqgħat mal-poplu Malti u Għawdxi, u dawk kollha li jgħixu f'pajjiżna.

Il-mira tagħna hi, li darba fis-sena jew kif tkun il-ħtieġa, nlaqqgħu dawn il-Fora flimkien, taħt l-ospizju tal-Forum tal-President, sabiex tiġi ffaċilitata, laqgħa taʾ konsultazzjoni nazzjonali,

dwar dawk l-oqsma, li huma taʾ importanza għalina lkoll, bħala nazzjon. Il-Forum tal-President huwa istituzzjoni oriġinarjament stabbilità mill-Eċċellenza Tiegħu, il-Professur Guido de Marco, u li tkompliet anke mill-Eċċellenza Tiegħu Dott. George Abela, fuq temi differenti. L-intenzjoni tiegħi hi, li nkompli nibni fuq dan il-wirt, u li nestendi l-Fora tal-Fondazzjoni, ġewwa din l-istituzzjoni. Id-demokrazija tinsab fl-għeruq tal-ġid tas-soċjetà. Jien nemmen, li meta ninkoraġġixxu proċessi demokratiċi, bħal ma huma l-Fora tal-Fondazzjoni, il-poplu jiġi mgħejjun, jipparteċipa bʾmod attiv, u jinbdew proċessi taʾ bidla, li huma essenzjali għall-iżvilupp pożittiv tas-soċjeta` ċivili u ċittadinanza attiva.

Il-Forum tal-Fondazzjoni ser ikun magħmul, minn dawn id-diversi gruppi jew fora, u ser jiġi fdat, sabiex iħeġġeġ lin-nies, li jgħidu dak li hu importanti għalihom, u għall-ġid tagħhom, mingħajr ma jiddejqu. Nittamaw, li dawn il-fora, jitqiesu bħala spazju fejn l-għerf popolari, u t-tagħrif dwar dak li joħloq il-ġid, u dak li jxekklu, jiġi kkomunikat. B'dan il-mod, dawk li jmexxu l-Fora, jistgħu jaraw, li dawk il-punti li jitqajjmu, waqt il-

laqgħat u l-konsultazzjonijiet, jimxu mal-istrutturi l-oħra tal-Fondazzjoni. B'hekk il-Fondazzjoni, jkollha viżjoni, kemm jista’ jkun wiesaʾ taʾ dak li l-Maltin, l-Għawdxin u dawk li jgħixu f’pajjiżna, jixtiequ jaraw iseħħ.

Dawn il-punti, għandhom ikunu ta’ gwida fir-rigward tax-xogħol u r-riċerka formali, li l-fondazzjoni se tkun qiegħdha twettaq. Il-ħsieb hu, li ladarba r-riċerka akkademika titlesta, din tinqasam ma’ kulħadd, permezz tal istes fora, li kienu taw spunt għar-riċerka. B’hekk forsi, nitgħallmu lkoll, metodi, sabiex jitkattar aktar ġid. Nistenna li l-ikbar enfasi, se tkun fuq ir-relazzjonijiet ta' bejnietna, u modi dwar kif nistgħu intejbu kif nagħmluha ma’ xulxin, fil-familja, fuq il-post tax-xogħol u kullimkien.

Kif diġà semmejt qabel, il-Fondazzjoni għandha l-aspett aktar formali tagħha, fejn din se tkun qiegħda taħdem, fuq konsultazzjoni aktar strutturata, bil-għan li twassal għal riċerka fuq livell akkademiku. Nistħajjel li qegħdin issaqsu domandi, bħal: x’inhu l-għan li l-President twaqqaf

fondazzjoni li primarjament tiffoka fuq konsultazzjoni u riċerka? Hemm bżonn ta’ dan?

L-għan ta’ din il-Fondazzjoni m’huwiex li tkun estensjoni tal-Universita`, għalkemm id-dinja akkademika hija mistiedna tipparteċipa b’mod attiv ħafna u hawn, irrid nirringrazzja lir-Rettur tal-Università ta Malta, li laqa' b'entużjażmu, l-istedina tiegħi, biex ikun parti mill-Kunsill tal-Gvernaturi, u li seta’ mill-ewwel jara, kif din il-proposta tiegħi, tiġi attwata, bl-intervent ta̓ numru ta̓ akkademiċi, - kemm dawk li se jibdew mill-entitajiet tal-bidu kif ukoll dawk, li għad iridu jiġu wara.

Għalkemm il-konsultazzjoni, li l-Fondazzjoni se tkun qiegħda tagħmel, għandha twassal għal diskussjoni akkademika, l-għan ewlieni hu, li tkun viċin il-poplu, li tisma̓ x’għandu x’jgħid u tagħraf ix-xewqat u l-aspirazzjonijiet tiegħu. Skont dawn ix-xewqat, il-Fondazzjoni, tfassal ix-xogħol tar-riċerka tagħha, kif diġà semmejt.

Din il-Fondazzjoni, se tkun qiegħda tpoġġi l-aspetti informali u formali paralleli, u fi djalogu ma`

xulxin. Il-valur tar-riċerka xjentifika, se jitqies bħala element essenzjali, għal din il-Fondazzjoni, iżda l-proċess jibqa miftuħ, għal djalogu mal-ideat li jippreżentawlna n-nies, li jipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet. Irridu, li l-kuntatt bejn l-aspett xjentifiku, u dak informali, jseħħ b'sinerġija u kumplimentari għal xulxin. Din ir-riċerka trid tkun ta' stimolu, biex twassal għal ġid tal-membri kollha tas-soċjeta`.

Nittama, li wara li nkunu smajna, iddjalogajna, fassalna u wettaqna r-riċerka, immorru lura għand il-poplu Malti u Għawdxi, sabiex ninfurmawh b'dak kollu li jkun ħareġ mit-temi identifikati, u r-riżultati li jkunu utli għal ġid tas-soċjetà. Nawgura, li dan iwassal, sabiex id-diversi istituzzjonijiet lokali, kemm dawk uffiċċjali, u kif ukoll, dawk informali, jistgħu jużaw, din l-informazzjoni, skont il-bżonnijiet tal-istituzzjoni li huma jaħdmu fiha. Din il-Fondazzjoni, trid tkun il-punt, fejn isir kuntatt ġenwin, bejn il-poplu, il-post fejn dawk kollha li jgħixu f'pajjiżna, u dawk li jaħdmu fl-ogħla istituzzjonijiet tal-pajjiż, jistgħu jiltaqgħu biex jidħlu f'konversazzjoni ma` xulxin. Il-Fondazzjoni qed titwaqqaf, biex tippromwovi d-djalogu u l-ġid

tas-soċjeta`, l-għaqda fost dawk li jgħixu f'Malta u Għawdex, u nittama li sservi ta' ispirazzjoni għal kulħadd.

Nittama wkoll, li din il-Fondazzjoni tkun tista' tagħti xi kontribut 'il barra minn xtutna, speċjalment fir-reġjun tal-Mediterran, fejn jeħtieġ iżjed investiment, biex ir-reġjun isir wieħed ta' paċi u stabbli. Fl-istess waqt nispera, li nkomplu naħdmu mal-komunità Ewropea, mal-komunita` iktar wiesaʾ tal-membri stati tal-Kunsill tal-Ewropa, u mal-komunita` internazzjonali kollha, bl-għan ewlieni, li nippromwovu l-paċi u tkattir ta' dak il-ġid, li jwassal il-bniedem jgħix ħajja aktar umana.

Forsi xi wħud ħasbu, li x-xogħol tiegħi ta' President, jista` jsir estensjoni tax-xogħol li kelli bħala Ministru. Dan mhux minnu. Il-kummissjonijiet li ġew iddelegati lili, ser ikomplu xogħolhom, fi ħdan il-fondazzjoni, għaliex bla dubju, dak li kelli għal qalbi bħala persuna, li kont naħdem fil-politika, jibqa` għal qalbi bħala President ta' Malta. Il-ġid tan-nies, jibqa' l-iprem xewqa tiegħi, u nixtieq li tul din il-Presidenza, n-

nies tħoss, li l-ġid ta’ kull individwu huwa importanti u ta' valur. Jiena se niffoka, fuq li nisma’ dak li għandhom xi jgħidu n-nies, fi spazju, li joffri l-possibilità ta’ djalogu u kuntatt, kuntatt bl-intenzjoni, li wieħed jisma` aktar milli wieħed jgħid x’għandu jsir. Se jkunu n-nies stess, li nikkonsultaw magħhom, li se jagħtu d-direzzjoni tax-xogħol tal-Fondazzjoni, biex hekk, ix-xogħol tagħha, jkun relevant, għas-soċjetà tal-lum, bl-opportunitajiet u d-diffikultajiet, li s-soċjetà tagħna, qiegħda tħabbat wiċċha magħhom. Aħna nittamaw, li dak li se nkunu qegħdin nippreżentaw, jista` jkun il-vuċi ta’ ħafna nies li jgħixu f’Malta u f’Għawdex, u b'hekk, inservu bħala pont, fejn dan jista` jseħħ.

Fost l-għanijiet prinċipali ta’ din il-Fondazzjoni, hemm li nisimgħu, niġbru, inxettlu u nieħdu ħsieb l-għerf tal-poplu Malti u Għawdxi, u dawk kollha li jgħixu fil-gżejjer tagħna. Filwaqt li se nkunu qegħdin inħarsu, lejn l-għerf ta` dawk li għandhom ħafna esperjenza akkademika, se nkunu wkoll, qegħdin niġbru u nikkultivaw, l-għerf popolari, ta` fost oħrajn, dak ir-raġel u l-mara li ħadmu fil-biedja, u li l-ħajja u n-natura għallmithom ħafna, u

li żgur għandhom x'jgħidulna, ta' dawk il-persuni b'diżabilta` u l-familja tagħhom, li rnexxilhom isibu mod kif jgħixu kuntenti, tal-anzjan li spiċċa waħdu u jixtieq jaqsam l-esperjenza tiegħu, b'risq il-ġid li dan jista` jkattar għall-oħrajn, ta' dawk it-tfal li esperjenzaw xi telfa, u llum qegħdin jgħixu taħt ħarsien barra mid-dar; tfal li għandhom ħafna x'jgħallmuna, fuq il-perspettiva tagħhom, rigward xi tfisser il-ġid u l-*wellbeing*. Dawn ukoll, għandhom xi ħaġa x'jgħallmu lis-soċjetà tagħna, lit-tfal tagħna u lill-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

B'mod partikulari, ser inkunu qegħdin inħarsu, lejn ir-relazzjonijiet, dawk magħna nfusna, dawk ma' xulxin, u dawk mal-ħolqien ta' madwarna. Se nkunu qegħdin infittxu, dawk l-elementi, li jwasslu għall-għaqda tal-bnedmin, waqt li nħarsu wkoll, lejn dawk l-elementi li jġibu l-firda, sabiex naraw kif is-soċjetà tagħna, tista' tegħlibhom. Pereżempju l-Fondazzjoni, beħsiebha tuża metodoloġiji innovattivi, bħall-pjanijiet tagħna f'proġett dwar l-etnobotanika, li permezz tiegħu, se nesploraw temi komuni, li jġibu n-nies flimkien. Kif ir-relazzjonijiet tagħna mas-siġar u l-pjanti, u mal-ħolqien kollu, jistgħu jtejbu r-relazzjonijiet

tagħna maʾ xulxin, u b'hekk tinħoloq soċjetà aktar ferħana. Nemmen li meta niffokaw fuq ir-relazzjonijiet hemm insibu wkoll il-ġid, - u dan, huwa l-għan ewlieni tal-Fondazzjoni.

Se nħarsu wkoll, lejn l-arti u l-kultura, - pereżempju, għandna l-ħsieb, li nniedu Mużew tat-Tfulija, fejn kulħadd jista` japprezza, l-ġmiel tal-esperjenzi tat-tfulija u fejn it-tfal jistgħu jesprimu, l-perċezzjoni tagħhom dwar it-tfulija.

Għal din is-sena, u s-sena d-dieħla, il-Fondazzjoni, se tirċievi fondi mwegħdin lill-Presidenza. Għal wara, għandna diversi pjanijiet, li wħud minnhom diġa beda x-xogħol fuqhom, biex hekk, il-Fondazzjoni issir kemm jista’ jkun *self sustaining*. Nixtieq nagħmilha ċara, li din l-inizzjattiva, hija indipendenti minn kull entita` oħra, li taqa’ taħt il-Presidenza.

Finalment, l-għan ewlieni ta’ din il-Fondazzjoni, huwa li tkun mod, kif tgħin lis-soċjetà Maltija, tgħix paċi ġenwina, li tfakkar lis-soċjeta`, fir-rispett lejn id-dinjità ta’ kull persuna umana, u lejn il-ħolqien kollu. Li dak li jagħmilna bnedmin, huwa

dak li jwassalna, biex inħarsu u nittrattaw bnedmin oħra bħalna, daqs li kieku kienu ħuna jew oħtna.

Aħna kommessi, li nwettqu xogħol utli, u li nibqgħu miftuħin għad-djalogu mas-soċjetà, biex dak li nkunu qegħdin nagħmlu, jkun relevant, u ta' ġid għas-soċjetà Maltija. B'hekk biss, il-Presidenza tista' tmur, lil hinn mil-limitazzjoni tal-aspett ċerimonjali tagħha, u ssir Presidenza attiva għall-paċi u l-ġid ta' Malta, Għawdex u għar-reġjun kollu li ngħixu fih .

Nittama, li din il-laqgħa ta' bejnietna llum, hija biss il-bidu ta' ħafna mumenti, fejn niltaqgħu, u naqsmu l-ħsibijiet u l-esperjenzi tagħna. Nixtieq li fl-aħħar ta' dawn il-ħames snin, inkunu verament ilħaqna l-miri għoljin li poġġejna hawnhekk quddiemkom.

Dan huwa proġett ta' pajjiż sħiħ, u wieħed li, komess jaħdem, għal dak kollu, li jwassal biex il-bniedem, u l-ambjent li jgħix fih, jilħaq, il-milja tiegħu.

Il-Fondazzjoni trid li tkun strument, li twassal biex ir-relazzjonijiet tagħna jitjiebu, – ma’ dawk li ngħożżu, mal-ambjent u ma’ dawk kollha li jgħixu madwarna. Għalhekk permezz ta’ din il-Fondazzjoni, irrid ninvesti, b’kull mod, fis-setgħa tiegħi, biex ir-relazzjonijiet tagħna, nikkultivawhom, biex nibnu soċjetà, li hija aktar matura, aktar umana, biex inħarsu li ġmiel ta` din l-art ħelwa, u nkattruh.

Fl-aħħar, nixtieq nagħmel ir-ringrazzjamenti tiegħi. Nixtieq nirringrazzja lil kull persuna li ħadmet biex din il-Fondazzjoni ssir struttura reali, lil dawk kollha li qasmu l-ideat tagħhom magħna, u lil dawk kollha li magħhom, aħna qsamna, u ddiskutejna l-ideat li kellna. B’mod partikulari, nixtieq nirringrazzja lil-avukati kollha, li fasslu l-istatut u lill-President tal-Kunsill tan-Nutara, Dottor Clinton Bellizzi, li se jippublika l-Att tal-Fondazzjoni. Nixtieq ukoll, nirringrazzja b’mod speċjali, lil Dottor Austin Bencini u lill-Professur Ian Refalo, li skrutinaw, u vverifikaw, li l-abbozz ta’ din il-Fondazzjoni, ma kien fih xejn, li jeffettwa s-setgħat, mogħtija lili, skont il-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Nirringrazzja wkoll lill-Prim Ministru, lill-Kap tal-Oppożizzjoni, ic-Chairman tal-Alternattiva Demokratika, li lkoll raw, dan il-jum, bħala okkażjoni ta' għaqda nazzjonali. Nirringrazzja lilkom, distinti sinjuri, l-NGOs kollha, r-rappreżentantti mid-dinja tal-Kummerċ, l-Ambaxxaturi, li taw dimensjoni internazzjonali, u tant nies oħra, li nafu kemm hi għal qalbkom il-ġid tas-Soċjetà, li din il-Fondazzjoni, se taħdem għalih. Ir-rieda u l-impenn permezz taʾ din il-preżenza tagħkom illum, huma xhieda, li nistgħu naħdmu għal-ġid taʾ kull individwu/a f'Malta u f’Għawdex, u tas-soċjetà kollha kemm hi.